MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-2 ta' April, 2008

Avviz Numru. 1472/1998/1

**Salvu Psaila**

**Vs**

**Richard Pace u b'digriet tal-11 ta' Ottubru 2001 Giuseppi Psaila gie ammess fil-kawza bhala konvenut ghal dan l-interess tieghu ghat-tenut tal-artikolu 960 tal-Proceura Civili**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jizgombra fi zmien qasir u perentorju li jigi lil konvenut stabbilit mill-ghalqa formanti parti integrali flimkien mal-gnien u d-dar 35 St. Nicholas Street, Qrendi, mill-kirja unika ta' erba' liri Maltin u tlettax-il centemzu (Lm4.13,0) ghall-intier pagabbli lil Manduca Estates u l-Kontessina Mary Theuma Castelletti, prevja d-dikjarazzjoni illi l-konvenut ma ghandu l-ebda jedd jew titolu validu dwar l-istess;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittri legali tad-19 ta’Settembru 1996 u tal-10 ta’ Ottubru 1996 kontra l-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghall-fini tal-kompetenza qed jigi dikjarat illi l-valur lokatizju ma jeccedix il-hames liri Maltin (Lm5).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 4 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1 Illi l-Avviz promotorju ta’ din il-kawza huwa null u minghajr effett ghaliex it-talbiet fih huma nieqsa minn kawzali kif tirikjedi l-ligi, cioe’ titolu fl-attur bhala bazi tal-azzjoni esperita.
2 Illi fil-fatt il-qbiela tal-ghalqa bir-razzett u gardinetta riferita fl-avviz hija ta’ Giuseppe Psaila li hallielu huh George Psaila bit-testment tas-6 ta’ Settembru 1988 fl-atti tan-Nutar Nicola Said.
3 Illi l-eccipjent ghandu jigi liberat mid-domandi.

Fi kwalunkwe kaz l-azzjoni attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet (fol 148 u fol 149 tal-atti).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in rigward il-meritu u <u>l-eccezzjonijiet</u> in esami a fol 10 jinsab l-‘affidavit’ ta’ <u>Michael Ellul</u>, ir-ragel ta’ bint l-attur u dan mill-1969. Ghal certu zmien l-attur kien jirrisjedi f’post f’Triq it-Torri, Qrendi waqt li huh, George Psaila, kien joqghod f’post iehor. Wara l-attur u huh imsemmi kienu gew allokati mid-Dipartiment tad-Djar il-fond in kwistjoni u dan fit-30 ta’ Jannar 1974. Inoltre jidher ukoll li skond l-istess xhieda, kienet saret il-procedura ta’ rikonoxximent bhala inkwilin tal-istess attur u huh u dan in vista li ma kien hemm ebda kontestazzjoni mis-sidien in rigward dan. Inoltre l-istess sidien kienu accettaw il-pagament ta’ kera.

Sussegwentement, George Psaila u martu kienu mietu u minghajr tfal b'George Psaila imut l-ahhar wiehed fl-10 ta' Jannar 1996. Inoltre kemm George Psaila kemm martu kienu ghamlu xi zmien jirrisjedu fil-fond in kwistjoni izda ma komplewx jaghmlu hekk u kienu joqghodu f'post iehor fil-Qrendi. Ghalhekk l-attur u martu baqghu jirrisjedu fih, wahedhom sakemm ix-xhud u l-familja tieghu bdew jirrisjedu maghhom waqt li specifika ukoll illi bintu kienet trabbiet minn mart l-attur. Hawnhekk ix-xhud iddeskriva l-fond in kwistjoni bhala konsistenti f'razzett, gardina u raba' b'kejl ta' tmint itmiem, kollha jinfdu ma' xulxin. Inoltre gara', pero' illi l-konvenut Richard Pace, wara l-mewt ta' George Psaila, beda' jippretendi li ghandu jedd fuq ir-raba' biss, "… ghax qal li hallihielu l-mejjet" (George Psaila) u effettivament dahal u qed jahdmu.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-attur ipproduca lil <u>Joseph Zammit</u> in rapprezentanza tad-Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali (fol 21, fol 29 fol 119 ) li xehed, anke a basi ta' dokumenti, illi b'referenza ghall-post in esami, kienu inhargu <u>zewg ordinjiet ta' rekwizizzjoni</u>. Sussegwentement fit-3 ta' Jannar 1974, l-istess post kien gie <u>allokat lil George u Salvu Psaila</u>, li gew <u>rikonoxxuti</u> mis-sidien tal-istess post minhabba nuqqas ta' kontestazzjoni u dan matul l-1975. Inoltre, permezz ta' ittra, kif esebita in atti a fol 40 u li ggib id-data tal-21 ta' April 1976, "Is-Sur S Psaila", presumibilment Salvu Psaila, kien gie mitlub sabiex jhallas il-kera dovuta minnu lill-persuna hemm imsemmija f'isem is-sidien u dan "B'referenza ghall-allokazzjoni ta' <u>parti</u> …." mill-fond in kwistjoni. Ix-xhud kompla jghid illi fl-1997, certu John Scicluna, stazzjonat fl-istess Dipartiment kien cempel lil Salvu Psaila, fuq in-numru ta' telefon 642825 u dan kien informah illi kien qed jirrisjedi <u>wahdu</u> fl-istess post "… stante li kienu mietu Guzeppi Schembri u George Psaila". Inoltre hu kompla jghid illi, f'dan il-kaz ma kienx sar "conditional report" izda "<u>speci ta' pjanta</u>" li tinsab esebita a fol 34, anke a tergo, tal-atti. Ghandu jigi notat li fuq dan id-dokument deskritt bhala "sketch", hemm imnizzel "a tergo" li "… the part shaded in <u>red has been allocated to …" Salvu Psaila</u> waqt li "… the part shaded in <u>blue has</u>

been allocated to …" George Psaila. Dwar George Psaila, x-xhud semma' li c-cavetta tal-post kienet inghatat lid-Dipartiment minn dan, liema post hu deskritt bhala aventi "tmint ikmamar f'bitha" minghajr ma gie specifikat jekk kienux inkuzi ukoll l-ghalqa u gnien. Hawnhekk ix-xhud sema' li qabel il-hrug tal-imsemmija ordni ta' rekwizizzjoni, l-istess post kien okkupat minn Goerge Psaila u Guzeppi Schembri (ara ukoll fol 38 ibid). Hu rilevanti illi in atti a fol 33 "a tergo", jinsab anness dokument minn fejn jirrisulta illi b'effett mit-30 ta' April 1974, l-istess George Psaila kien iddikjara, fil-firma tieghu, illi kien qed jirrinunzja kull dritt li kellu ta' inkwilinat fuq l-istess dar u dan favur is-sid hemm imsemmi.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mill-atti, kien gie kjamat in kawza Giuzeppi Psaila u fl-eccezzjonijiet tieghu, waqt li assocja ruhu ma' dak gja sottomessi mill-konvenut, kompla biex jghid illi l-qbiela u l-kera tal-ghalqa, bir-razzett (indikat fl-avviz bhala dar) u l-gardinetta huma tal-esponenti cioe Giuseppi Psaila, u li dawn gew trasferiti lilu minn huh George Psaila permezz ta' testment tas-6 ta' Settembru 1988 in atti Nutar Nikola Said. L-istess testment jinsab esebit a fol 133 et seq ibid.

Fis'seba' (7) artikolu jinghad illi George Psaila halla b'titolu ta' legat lil huh Giuseppe Psaila u in mankanza ta' dan, lill-imsemmija ….. Jane u Richard mizzewgin Pace d-drittijiet tal-qbiela tal-ghalqa fil-Qrendi f'Triq San Nikola u denominata "Tal Lander" tal-kejl ta' madwar "hames titmien (Tom.50.0) liema Giuseppe Psaila hu l-konvenut bl-istess isem ammess f'din il-kawza skond id-digriet gja imsemmi a bazi tal-artiklu 960 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat

Illi jidher illi kif risultanti mid-dokument a fol 126 ibid, l-istess Joseph Psaila kien iddikjara illi kien qed jghaddi r-raba maghruf bhala "tal-Andar" aventi ftiti aktar minn

hamest itmien lill-istess Richard Pace liema dikjarazzjoni kienet saret fil-1 ta' Awissu 1998 (ara ukoll fol 117).

Ikkunsidrat

Illi kif maghmula t-talba in esami, din tirreferi ghall-"ghalqa" biss u t-talba ghall-izgumbrament tinvolvi, biss, din l-ghalqa u mhux il-gnien u dar imsemmija fl-avviz, almenu kif din il-Qorti fehmet l-istess avviz u b'dan tal-ahhar mhux okkupat minn xi wiehed mill-konvenuti.

Ikkunsidrat

Illi Richard Pace (fol 13 et seq ibid) kif ukoll l-'affidavit' a fol 91 ibid) spjega illi hu jghin lill-hatnu Joseph ossija Giuzeppi Psaila hu l-attur sabiex tinhadem l-istess ghalqa, it-tnejn flimkien. Wara li rrefera ghall-imsemmi Testment, hu spjega illi l-qbiela tithallas minnhom ossija mix-xhud izda ma hiex qed tigi accettata u b'hekk, qed tigi depositata fir-Registru tal-Qorti.Hu semma' ukoll illi "Ir-razzett, l-ghalqa u il-gnien "huma kirja wahda" izda hu ma thalliex jaccedi ghall-imsemmi razzett u gardina.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher u jirrisulta illi:

a) Il-post, "qua" dar ossija razzett huma soggetti ghal Ordni ta' rekuzzjoni li, mix-xhieda ta' Joseph Zammit, jidher li tkopri biss l-istess dar (ara l-iskizz a fol 34 ibid).
b) Dwar ir-raba' u limitatament ghalih, jidher ukoll illi l-inkwilinat fuq l-istess raba effettivament kien detenut mill-konvenut George Psaila (ara ukoll l-ircevuti esebiti in atti a fol 54 sa fol 61), dan, a bazi tal-provi kif esposti, liema George Psaila, pero, ikkoncedieh lill-konvenut originali Richard Pace permezz tad-dikjarazzjoni, gja msemmija, u li tinsab a fol 117 tal-atti.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti it-talba kif maghmula, u kif fehmitha din il-Qorti, ma tistax tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes jithallsu mill-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------